# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 279/19/2 FDP**

**Andre Grech u Wine (Malta) Limited (C-45621)**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi u d-Direttur Ġenerali (Dwana)**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-3 ta' Mejju 2023 li wieġbet fin-negattiv għar-referenza kostituzzjonali li għamlitilha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' Ottubru 2021 dwar jekk il-konfiska awtomatika u tassattiva ta' xorb alkoħoliku imposta mil-leġislatur taħt l-Artikoli 12(6)(a) u 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382, hijiex konformi mad-drittijiet tar-rikorrenti protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni

u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

**Preliminari**

2. Il-fatti prinċipali li wasslu għar-referenza kostituzzjonali in disamina huma dawn:

2.1. Fil-11 ta' Ġunju 2019, uffiċjali mit-taqsima tal-Enforcement tad-Dipartiment tad-Dwana għamlu spezzjoni f'ristorant bl-isem '*Fernando'* f'Triq Tigne, Sliema u elevaw mill-pussess tar-rikorrent 30 flixkun inbid[1] u erba' mija tlieta u erbgħin faxxa/bolla tas-sisa[2];

2.2. L-imsemmija oġġetti nqabdu permezz ta' *seizure note* maħruġa fid-29 ta' Awwissu 2019 (Nota ta' Qbid Numru 252/2019)[3] fejn l-intimat għarraf lir-rikorrent li l-pussess tal-istess oġġetti kien bi ksur tal-Artikolu 60(b)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u tal-Artikolu 17(1)(a)(d) u r-Regolament 13 tat-Taqsima F fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap. 382. Fl-istess nota ġie dikjarat li l-valur tal-qbid kien ta' €1,809.99, l-ammont ta' dazju tas-sisa €4.77 u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' €326.66;

[1] Fol. 32, 33.
[2] Fol. 31.
[3] Fol. 5 (tal-proċess Qorti tal-Maġistrati-Malta).

2.3. Ir-rikorrent Grech jgħid li kien mar id-Dwana bl-evidenza li d-dazju fuq l-inbid inkwistjoni kien effettivament tħallas kollu[4]. Minkejja dan, meta staqsa lill-uffiċjali tad-Dwana dwar il-proċedura sabiex jieħu l-fliexken tal-inbid lura ġie infurmat li kellu jħallas madwar €300 bħala *out of court settlement* u jixtri l-inbid lura mid-Dwana għall-prezz ta' 90% tal-valur. Isostni li l-ħlas mitlub kien sproporzjonat fiċ-ċirkostanzi[5];

2.4. B'rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2019 (279/2019) ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex:

> *"1. Tiddikjara li l-oġġetti msemmija fin-nota ta' qbid 252/2019 ma kellhomx jinqabdu;*
>
> *2. Tordna lill-intimati jew min minnhom jeħilsu l-oġġetti maqbuda fin-nota ta' qbid 252/2019 u/jew il-garanzija mogħtija skont il-każ u dan fi żmien qasir u perentorju".*

2.5. L-intimati Kummissarju tat-Taxxi u Direttur Ġenerali (Dwana) opponew[6];

2.6. Waqt dik il-kawża, fit-30 ta' Marzu 2021[7] ir-rikorrenti ppreżentaw rikors u lmenta li l-liġi tpoġġi fl-istess keffa dawk il-każijiet fejn is-Sisa u l-VAT ikunu tħallsu, inħarġu l-*banderols* iżda ma twaħħlux *entro* fit-terminu li jissemma fl-Artikolu 13(6) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap.

[4] Fol. 49.
[5] Fol. 30.
[6] Fol. 21.
[7] Fol. 55 *et seq*.

382), u dawk il-każijiet fejn is-Sisa u l-VAT ma tħallsux u b'hekk kien hemm evażjoni fiskali. Talab għalhekk li ssir referenza kostituzzjonali sabiex:

> *"jiġi determinat jekk ir-Regolament 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tmurx kontra d-dispożizzjonijiet tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali"*

2.7. L-intimati Kummissarju tat-Taxxi u Direttur Ġenerali (Dwana) opponew[8] li ssir tali referenza u fil-mertu *inter alia* wieġbu li l-qbid imur oltré jekk *"id-dazju fil-konfront tal-fliexken maqbuda kien kawtelat'*. Wieġbu wkoll li mhux minnu li r-rikorrent tqiegħed fl-istess keffa ma' min ma jkunx ħallas it-taxxa tas-Sisa u l-VAT għaliex huma ma pproċedewx kontrih kriminalment kif jagħmlu f'każijiet ta' evażjoni fiskali;

2.8. B'digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ipprovdiet billi:

> *"... ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta tirreferi l-kwistjoni mqanqla mir-rikorrenti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex din tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-leġislatur jimponi b'mod tassattiv l-konfiska tax-xorb alkoħoliku:*
>
> > *- taħt l-Art. 12(6)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta meta fuq tali xorb ma' jkunx twaħħal faxxa jew bolla tas-Sisa fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta jinxtara, u*

[8] Fol. 66 *et seq*.

*- taħt l-Art. 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta meta persuna jinstab li jkollu fil-pussess tiegħu faxex jew bolli tas-Sisa mhux imwaħħlin wara li jkunu għaddew ħamest (5) ijiem minn meta xtrahom*

*mingħajr distinzjoni bejn min ikun evada jew prova jevadi l-ħlas tat-taxxa dovuta u min ikun effettivament ħallas it-taxxa dovuta, huwiex leżiv tad-dritt fundamentali ta' tgawdija tal-proprjetà taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali".*

2.9. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati kienu s-segwenti:

*"10. Il-Qorti tara illi l-argumenti tal-intimati m'humiex konvinċenti għal kollox. Ibda biex, mix-xhieda tad-Dipartiment stess irriżulta illi l-faxxex tas-Sisa u li fuqhom titħallas is-Sisa ma' jingħatawx qabel ma' tkun saret verifika illi tkun tħallset it-taxxa ossia l-VAT fuq il-fliexken in kwistjoni. Ix-xiri tal-faxxex minnhom nfushom huma għalhekk prova illi s-Sisa u l-VAT tkun tħallset. Ma' tqajjmet l-ebda allegazzjoni mid-Dipartiment li kien hemm xi abbuż fil-faxxex nfushom bħal ngħidu aħna allegazzjoni illi dawn kienu diġa twaħħlu fuq fliexken oħra.*

*11. Fir-rigward tal-ksur tal-obbligu li l-importatur għandu sabiex iwaħħal il-faxxex tas-Sisa fuq il-fliexken importati fi żmien ħamest ijiem, l-Art. 12(6)(a) u 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 jipprovdu kif ġej:*

> *"12 (6) (a) Kull min jonqos li jwaħħal faxxa jew bolla tas-sisa fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tinxtara, ħlief għal magazzinier awtorizzat, għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mitt euro (€100) u l-Qorti għandha tordna wkoll il-konfiska tal-faxex jew bolli tas-sisa li ma twaħħlux fiż-żmien mogħti. B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-ethyl alcohol innifsu għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.*
>
> *12 (8) (a) Kull min ikollu fil-pussess tiegħu faxex jew bolli tas-sisa mhux imwaħħlin wara li jkunu għaddew ħamest (5) ijiem minn meta xtrahom, ħlief jekk ikun magazzinier awtorizzat, għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u l-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' dawn il-faxex jew bolli tas-sisa.*
>
> *B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-ethyl alcohol innifsu għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli".*

*L-Artikolu 13 tal-istess Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 imbagħad tipprovdi illi:*

*"13. Kull kwantità ta' ethyl alcohol li tinstab fil-pussess ta' persuna bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 11 jew 12 għandha, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra provduta bl-Att jew b'xi liġi oħra, tiġi konfiskata favur il-Gvern'*

*12. Għalhekk għalkemm jista' jagħti l-każ li fil-prattika ma' jittieħdu ebda proċeduri penali kontra min ikun naqas biss milli jwaħħal il-faxxex fuq il-fliexken tal-inbid (skond kif ingħad mill-intimati fir-risposta tagħhom għar-rikors), madanakollu l-liġi nnifisha tipprovdi għal proċeduri penali (u mhux sempliċiment azzjoni amministrattiva) anke għal tali vjolazzjoni tal-liġi.*

*13. Huwa minnu però illi min effettivament jevadi t-taxxa jew jittenta jagħmel dan m'huwiex imqiegħed fl-istess keffa ma' min sempliċiment jonqos milli jwaħħal il-faxxex tas-Sisa, għaliex f'każ ta' ħtija l-ħati ikun suġġett għal pieni ferm iżjed ħorox ossia multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull każ mhux inqas minn €600.*

*14. Il-Qorti tara però illi 'l hinn minn proċeduri penali u multi f'każ ta' ħtija, tabilħaqq il-konfiska tal-oġġetti li fuqhom ma' jkunux twaħħlu l-faxxex tas-Sisa hija azzjoni li tittieħed across the board mingħajr distinzjoni bejn min ikun ukoll evada jew prova jevadi t-taxxa u min jkun ħallas it-taxxa dovuta. Il-konsegwenzi għal min jrid jipprova jieħu lura l-oġġetti konfiskati huma serji peress illi l-persuna affettwata tkun trid tħallas kważi l-valur kollu tal-fliexken maqbuda flimkien ma' somma oħra amministrattiva. Huwa hawnhekk fejn il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi jista' jagħti l-kas illi l-konfiska hija miżura drakonjana, eċċessiva u mhux fl-interess pubbliku. Din hija materja però illi tista' tiġi mistħarrġa biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u ċertament ma' taqax taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti. Li hu żgur però huwa li t-talba tar-rikorrenti għal riferenza kostituzzjonali la hija frivola u lanqas vessatorja u għalhekk jistħoqqilha tiġi akkolta".*

3. Permezz ta' risposta ppreżentata fil-31 ta' Diċembru 2021, l-Avukat tal-Istat wieġeb għar-referenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bil-mod segwenti:

*"1. Illi preliminarjament, din ir-referenza kostituzzjonali ma tistax timxi 'l quddiem għal tlett raġunijiet:*

*i) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fit-tismijja taċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq, tgħid li qed tirreferi għar-regolamenti tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda minflok tikkwota r-regolamenti tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament is-subregolamenti (6)(a) u (8)(a) tar-regolament 12 tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, u*

*li abbażi ta' dawn is-subregolamenti qed jiġu bbażati t-termini ta' din ir-referenza;*

*ii) Il-vertenza bejn il-partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkonċerna qbid bl-effetti tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, u mhux tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, b'dan illi t-termini ta' din ir-referenza m'għandhom l-ebda relazzjoni mal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

*iii) Għandu jkun puntwalizzat ukoll li dakinhar li seħħ il-qbid tal-oġġetti mertu tan-nota ta' qbid 252/2019 (11 ta' Ġunju, 2019) is-subregolamenti (6)(a) u (8)(a) tar-regolament 12 tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta ma kinux għadhom fis-seħħ. Dan ifisser li s-subregolamenti taħt il-lenti ta' din ir-referenza kostituzzjonali ma setgħux illedew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ġjaladarba fil-mument tal-qbid ma kienux għadhom jifformaw parti mill-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Minħabba dawn ir-raġunijiet, hija l-umli fehma tal-esponent li għandu jkun hemm rinviju lura lejn l-Onorabbli Qorti referenti. Dan sabiex tara jekk fid-dawl tar-raġunijiet imsemmija l-ordni tagħha għadiex relevanti jew jekk hemmx bżonn ta' bidla fit-tismijja taċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għall-kwistjoni u fit-termini tal-kwistjoni, proprju għaliex il-kawża li minnha titwieled din ir-referenza la titratta r-regolamenti taħt it-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, u lanqas ma titratta t-Taqsima B jew F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 kif emendata bl-Att VIII 2021;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, din ir-referenza hija għal kollox prematura u intempestiva tant li din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tistħarreġ dan l-ilment ai termini tal-proviso tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Hemm rimedju effettiv u adekwat għal-ilment tar-rikorrenti, liema rimedju qed jiġi użat permezz tal-proċeduri ta' kontestazzjoni għall-qbid. Dawn iż-żewġ artikoli ma jitolbux li r-rimedju effettiv ikollu eżitu pożittiv għar-rikorrenti, iżda jesiġu li jkun rimedju li jeżisti u jkun wieħed effettiv. Jingħad ukoll li r-rikorrenti għad għandhom rimedju ieħor ukoll għad-disposizzjoni tagħhom f'każ li jkollhom eżitu negattiv fl-ewwel istanza, u ċioe` appell fit-tmien tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tisma' dan il-każ;*

*3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju kemm għas-suespost u kemm għal eċċezzjonijiet ulterjuri li l-esponent jista' jħoss li għandu jressaq f'każ li t-termini ta' referenza jkunu riveduti, fir-rigward tal-mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), diment li din hija mmirata fil-konfront tal-qbid tassattiv tal-inbid ai termini tar-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 "mingħajr distinzjoni bejn min ikun evada jew prova jevadi l-ħlas tat-taxxa dovuta u min ikun effettivament ħallas it-taxxa dovuta", jingħad li r-rikorrenti*

*m'huma ħa jġarrbu l-ebda ksur tal-jeddijiet tagħhom għat-tgawdija ta' proprjeta` hekk kif imħarsa mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jekk kemm-il darba l-inbid maqbud permezz tan-nota ta' qbid 252/2019 jibqa' hekk maqbud. Dan għaliex qabel xejn waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) huma għad għandhom kull opportunità sabiex jipperswadu lill-Onorabbli Qorti referenti sabiex tiddikjara li l-għemil tad-Dwana kien abbużiv u mhux skont il-liġi b'konsegwenza li n-nota ta' qbid 252/2019 tkun dikjarata nulla u mingħajr effett u l-inbid maqbud ikun b'hekk rilaxxjat. Dan ifisser li dan l-istħarriġ huwa għal kollox bikri f'kuntest fejn hemm proċeduri għaddejjin sabiex Qorti oħra tiddeċiedi dwar jekk l-oġġetti maqbuda għandhomx jibqgħu maqbudin;*

*4. Illi għall-konvenjenza ta' din l-Onorabbli Qorti, dakinhar tal-qbid (11 ta' Ġunju, 2019) ir-regolamenti 11, 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jaqraw hekk:*

> *"11. (1) Ħadd ma jista' jimmanifattura, jipproċessa, jipprepara għall-bejgħ, juri jew joffri għall-bejgħ, ibigħ jew xort'oħra ineħħi xi inbid kif imfisser fit-Tieni Skeda, f'kontenituri kemm-il darba dawn ma tkunx imwaħħla fuqhom faxxa jew bolla kif previst fir-regolament 12.*
>
> *(2) Il-Kummissarju jista' jeżenta bil-miktub mid-disposizzjonijiet tas-subregolament ta' qabel, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa li jimponi, kull inbid maħsub biex jiġi esportat jew bħala provvista għall-bastimenti jew għall-bejgħ lil persuni eżentati bil-liġi jew taħti xi liġi mill-ħlas ta' dazju tas-Sisa.*
>
> *(3) Il-Kummissarju jista' jeżenta bil-miktub mid-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa li jimpni, kull inbid ieħor li ma jaqax taħt is-subregolament ta' qabel.*
>
> *12. (1) Ma għandu jiġi rilaxxjat mid-Dwana jew minn maħżen tas-sisa ebda inbid kemm-il darba il-kontenitur li minnufih ġewwa fih jingħalaq l-inbid ma tkunx imwaħħla fuqu faxxa jew bolla kif indikat mill-Kummissarju.*
>
> *(2) Dawk il-faxxex jew bolol għandhom ikunu ta' għamla approvata mill-Kummissarju u għandhom jiġu fornuti fid-Dwana jew f'kull imkien ieħor li jiġi stabbilit mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta.*
>
> *(3) Dawk il-faxex jew bolli jinħarġu mill-Kummissarju bi ħlas għalihom, kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt l-Att, fuq talba mill-kustodju tal-maħżen awtorizzat jew negozjant tal-inbid.*
>
> *(4) Il-faxxa jew bolla għandha titwaħħal mal-kontenitur sa mhux iktar tard minn ħamest ijiem minn meta tinxtrara.*
>
> *13. Kull kwantita` ta' inbid li tinsab fil-pussess ta' persuna bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' regolamenti 11 jew 12 għandha, mingħajr preġudizzju għall kull piena oħra prevista bl-Att jew b'liġi oħra tiġi konfiskata favur il-Gvern".*

*5. Illi fil-mument li r-rikorrenti ddeċidew li jidħlu fin-negozju tal-bejgħ ta' inbid, huma kienu konsapevoli li dan in-negozju jġib miegħu diversi obbligi, u li fin-nuqqas ta' ħarsien tagħhom, ikun hemm riperkussjonijiet. Meta r-rikorrenti akkwistaw il-faxxex li suppost waħħlu fuq il-fliexken maqbuda, ir-regolament 12 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 kien diġa` jesiġi li l-faxxa titwaħħal "sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem minn meta tinxtara" u li fin-nuqqas, jinqabad dak l-inbid li jinstab mingħajr faxxa ai termini tar-regolament 13 tal-istess Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382. L-obbligu sabiex ikunu mħarsa d-disposizzjonijiet doganali ma jiqafx mal-ħlas tad-dazju. Ma jistax jingħad għalhekk li r-rikorrenti ma kinux jafu x'riperkussjonijiet jistgħu jaffaċċjaw jekk ma jwaħħlux il-faxxex, għal liema riskju daħlu huma volontarjament. Hawnhekk japplika l-prinċipju tal-volenti non fit injuria.*

*6. Illi r-rikorrenti lanqas ma jistgħu jilmentaw li qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom, għaliex l-inbid ġie maqbud fuq nuqqas tagħhom stess. Anzi, dan in-nuqqas jidher li kien ilu għaddej ġmielu ġjaladarba fil-pussess tar-rikorrenti instab ammont sostanzjali ta' faxxex tas-Sisa mhux imwaħħla. Hawnhekk japplika l-prinċipju tal-quod quis ex sua culpa damnum sentit, damnum sentire non videtur.*

*7. Illi lanqas m'huwa minnu li r-regolamenti 11, 12, u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmlu ebda distinzjoni "bejn min ikun evada jew prova jevadi l-ħlas tat-taxxa dovuta u minn ikun effettivament ħallas it-taxxa dovuta." Ir-riperkussjonijiet tar-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 m'humiex intrinsikament u unikament intiżi bħala riperkussjoni għal min ikun evada jew ittenta jevadi d-dazju u t-taxxa. Dan il-qbid huwa immirat għal sitwazzjonijiet fejn kustodju ta' maħżen tas-sisa jew negozjant tal-inbid ma jħarisx ir-regolamenti 11 u 12 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 - l-ebda minn dawn ir-regolamenti ma jagħmel aċċenn għal evażjoni ta' dazju jew taxxa;*

*8. Illi fil-fatt, għal min jevadi d-dazju u t-taxxa hemm riperkussjonijet ferm aktar gravi minn sempliċiment qbid tal-inbid li jkun jinsab għall-bejgħ mingħajr it-tikketta mwaħħla. Tant hu hekk li r-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 stess jgħid li l-qbid qed isir "mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra prevista bl-Att jew b'liġi oħra".*

*L-Onorabbi Qorti referenti jidher li dan tirrikonoxxih ukoll f'paragrafu 13 tad-digriet tagħha meta tgħid li "huwa minnu pero` illi min effettivament jevadi t-taxxa jew jittenta jagħmel dan m'huwiex imqiegħed fl-istess keffa ma' min sempliċiment jonqos milli jwaħħal il-faxxex tas-Sisa, għaliex f'każ ta' ħtija l-ħati ikun suġġett għal pieni ferm iżjed ħorox ossia multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat".*

*Huwa għalhekk indikattiv anke minn qari ta' dan il-paragrafu, li r-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta'*

*Malta ma jistax ikun leżiv tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti ġjaladarba hemm pieni oħra maħsuba għal min effettivament jevadi jew jittenta jevadi d-dazju u t-taxxa oltre għall-qbid imsemmi fir-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382;*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-regolamenti 11, 12, u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 ma jistgħux jintlaqtu mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li skont is-subartikolu (b) u (ċ) tal-artikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta` (b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' reat kriminali, u/jew (ċ) wara l-attentat ta' tneħħija tal-proprjeta` barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta' xi liġi;*

*10. Illi lil hinn minn dan, ir-regolamenti 11, 12, u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, la jikser l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wisq anqas l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. L-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa u li jistgħu jimmaterjalizzaw fi qbid ta' properjeta` fl-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għal ħarsien tal-interess ġenerali;*

*11. Illi r-regolamenti 11, 12, u 13 tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom: (i) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi, (ii) huma fl-interess ġenerali għax huma maħsubin sabiex jipproteġu l-errarju pubbliku, lill-konsumatur, lin-negozjanti li jsegwi d-disposizzjonijiet doganali bir-reqqa, sabiex tinħoloq distinzjoni bejn min huwa kustodju ta' maħżen tas-Sisa u min m'huwiex, u sabiex ikun immitigat l-abbuż; u (iii) jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tan-negozjanti, tal-Istat u tal-poplu b'mod ġenerali;*

*12. Illi minbarra dan, ir-rikorrenti huma skorretti meta jilmentaw li sabiex jieħdu lura l-oġġetti maqbuda huma setgħu jagħmlu dan biss jekk iħallsu 90% tal-valur tal-fliexken tal-inbid flimkien ma' EUR300 bħala out of court settlement. Fid-digriet tagħha, l-Qorti referenti jidher li straħet ukoll fuq din id-dikjarazzjoni billi semmietha bħala waħda mill-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq.*

*Illi dwar dan, ai termini tal-artikolu 72(4) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 29(2) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, minkejja li jkun hemm proċeduri pendenti in kwantu kontestazzjoni tal-qbid tal-oġġetti, l-istess oġġetti maqbuda jistgħu jingħataw lura wara li r-rikorrenti jħallsu "dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu xieraq, li tkun somma li ma tkunx iżjed mill-ammont li fl-opinjoni tal-Kummissarju jirrappreżenta l-valur tal-oġġett". Hawnhekk ma tissemma l-ebda piena bħala out of court settlement. Dik il-proċedura tal-ħlas bħala out of court settlement tintuża minflok proċeduri penali meta għandek evażjoni ta' dazju jew*

*taxxa, f'liema każ hawnhekk ma kien hemm l-ebda proċedura penali ġjaladarba d-dazju u t-taxxa kienu tħallsu.*

*Dan ifisser li r-rikorrenti kellhom ukoll rimedju sabiex jieħdu l-oġġetti lura fl-istess waqt li għadhom qed jikkontestaw il-qbid, liema rimedju għażlu li ma jużawx għar-raġunijiet tagħhom.*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li fil-każ tal-lum, ir-regolamenti 11, 12, u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta ma jiksrux l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, bl-ispejjeż ta' dan l-episodju jitħallsu minn Andre Grech u Wine (Malta) Limited".*

4. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Mejju 2023 ["is-sentenza appellata"] il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) wieġbet hekk għar-referenza:

*"il-Qorti tqis illi l-kwistjoni mqanqla mir-rikorrent, kif deskritta mill-Ewwel Qorti, ma hijiex waħda leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kif minnhom soffermat.*

*Il-Qorti qiegħda tirrimanda lura l-atti lill-Ewwel Qorti riferenti, sabiex tkompli tismagħhom u tiddeċidihom skond il-Liġi u dan abbażi tar-regolamenti eżistenti dakinhar illi seħħ l-allegat aġir illegali tar-rikorrenti.*

***Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tar-rikorrenti".*

5. Il-konsiderazzjonijiet li wassluha għal tali deċiżjoni kienu dawn:

*"12. Jirriżulta illi l-ewwel difiża mqajjma mill-Avukat tal-Istat kienet illi l-Qorti referenti għamlet żball fir-referenza tagħha fejn, filwaqt illi rreferiet għar-Regolamenti tat-Taqsima F, kif jidher ċar illi għamlu r-rikorrenti, attwalment il-Qorti riferenti talbet lil dina l-Qorti sabiex tiddikjara jekk ir-Regolamenti 12 (6)(a) u (8)(a) tat-Tasqima B tas-Sitt Skeda jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti.*

*13. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti, stess, fis-sottomissjonijiet tagħhom, jindikaw li jidher ċar illi dana huwa żball ta' l-Ewwel Qorti, illi tiegħu huma ma għandhomx isofru konsegwenzi.*

*14. Jidher ċar illi l-Ewwel Qorti, hija u tagħmel ir-referenza Kostituzzjonali, għamlet żball ċar u manifest meta semmiet Artikolu tal-*

*Liġi filwaqt illi ikkwotat Artikolu tal-Liġi totalment differenti sabiex jiġi interpretat minn dina l-Qorti.*

*15. Kif sewwa osserva l-Avukat tal-Istat, l-Artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 jipprovdi illi:*

> *"... l-ordni li bih kwistjoni tiġi mibgħuta għandu jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq, it-termini ta' dik il-kwistjoni, u jindika liema hi d-disposizzjoni jew liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ikun il-każ, li jkunu allegatament ġew miksura".*

*16. Jidher ċar illi l-Ewwel Qorti, filwaqt illi għamlet referenza fid-dettall għall-kwistjoni imqajjma mir-rikorrenti, u l-ilmenti tagħhom ibbażati fuq l-azzjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana), li minn naħa tiegħu kienu bbażati, inter alia, fuq l-Artikolu 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda, fir-referenza finali tagħha, erronjament irreferiet għall-regolamenti stabbiliti fit-Taqsima B tas-Sitt Skeda.*

*17. Jidher ċar illi dana kien bi żvista ġenwina ta' l-Ewwel Qorti, u dana peress illi kemm l-Artikolu 12 tat-Taqsima F li dwarha kien qed isir l-ilment u l-Artikolu 12 tat-Taqsima B li għamlet referenza għalih il-Qorti, it-tnejn iqisu l-istess kwistjoni, ossija l-użu o meno tal-faxxa jew bolla li għandha titwaħħal mal-fliexken, u dwar il-pieni f'każ ta' nuqqas.*

*18. Din il-Qorti tirrileva illi, filwaqt illi huwa minnu illi l-Ewwel Qorti naqset milli tkun ċara f'dak li talbet, dina il-Qorti tqis illi joħroġ ċar, mill-assjem tad-digriet, illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-effetti tal-Qbid magħmula a tenur tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382.*

*19. Għalhekk, ma hijiex ser tqis ir-rikjesta ta' l-Avukat tal-Istat sabiex dina l-Qorti ma tqisx tali referenza fuq żball ta' pinna.*

*Ikkunsidrat*

*20. It-tieni kwistjoni illi għandha dina l-Qorti, tirrigwarda r-regolamenti applikabbli dakinhar tal-qbid tal-oġġetti.*

*21. Ma għandux ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-Qbid seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019, għalkemm in-Nota ta' Qbid tidher illi attwalment inħarġet fid-29 ta' Awissu 2019 u r-rikorrenti allegatament irċeviha fl-4 ta' Ottubru 2019.*

*22. Għalhekk, kwalsiasi Qorti illi qed tikkunsidra ilment dwar tali qbid hija tenuta illi timxi u tikkunsidra l-Liġi kif eżistenti dakinhar tal-qbid, u mhux xi leġislazzjoni sussegwenti illi setgħet ġiet implimentata wara l-qbid.*

*23. Jidher ċar illi l-leġislazzjoni kif eżistenti f'Ġunju 2019 kienet differenti minn dik eżistenti llum il-ġurnata, partikolarment fejn jirrigwardaw pieni illi kellhom jiġu inflitti.*

*24. Jidher illi l-ilment tar-rikorrenti, kif riflessa wkoll fid-digriet ta' l-Ewwel Qorti, kienet dwar jekk ir-Regolament 13 tat-Tasqima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, illi kienet ir-regolament applikabbli fiż-żmien għar-rigwarda l-konfiska ta' l-inbid meritu tal-Qbid oriġinali, kinetx attwalment qiegħda tagħmel distinzjoni bejn min evada jew ipprova jevadi t-taxxa u min effettivament ħallas it-taxxa.*

*25. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Artikolu 11 u 12 tat-Taqsima F, kif applikabbli, kemm dak iż-żmien, kif ukoll illum il-ġurnata, jipprovdu għal żewġt istanzi preċiżi, li lkoll għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-faxxa jew bolla fuq il-flixkun tal-inbid.*

*26. Jidher ċar illi l-piena hemm ikkontemplata fiż-żmien meta seħħ l-akkadut hija limitata u diretta biss lejn tali aġir, u xejn aktar.*

*27. Ebda referenza ma kienet issir, dak iż-żmien, għal evażjoni ta' dazju jew taxxa, jew għal xi penalitajiet illi setgħu jinkorru f'każ ta' ksur.*

*28. La darba huwa ben stabbilit illi kwalsiasi aġir allegatament illegali jrid jiġi eżaminat fl-ottika tar-regolament eżistenti dakinhar illi jseħħ l-aġir allegatament illegali, dak ifisser illi r-referenza kif mitluba orġinalment mir-rikorrenti u sussegwentement akkordata mill-Ewwel Qorti, ma għandha ebda bażi legali, stante illi hija msejsa fuq leġislazzjoni u konsiderazzjonijet riżultanti minn Regolamenti introdotti wara illi seħħ l-akkadut, u mhux meta attwalment seħħ l-akkadut.*

*Ikkunsidrat*

*29. Fl-aħħar nett, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.*

*30. Jidher ċar illi r-rikorrent qiegħed jikkontendi illi huwa għandu dritt illi jiġi protett peress illi jħoss li l-piena fuqu inflitta hija ferm aktar ħarxa minn dik illi wieħed jippretendi meta wieħed iqis illi kull ma għamel huwa illi ma waħħalx faxxa.*

*31. Il-Qorti tqis, iżda, illi r-rikorrent donnu jrid jappella biss għad-drittijiet illi huwa jippretendi illi għandu, mingħajr ma biss jagħti importanza għad-doveri illi huwa wkoll għandu, ossija illi jobdi il-Liġi.*

*32. Jidher ċar illi r-rikorrent qiegħed jippretendi dritt mingħajr ma jaċċetta illi huwa kellu dover li jobdi l-Liġi, u jippretendi li din il-Qorti ma tagħtix każ għall-bilanċ illi jintlaħaq meta wieħed jeżamina d-drittijiet u doveri ta' bniedem, liema bilanċ ir-rikorrent konvenjentement ħass illi kellu jinjora u li l-Qorti riferenti tidher illi sokkombiet għad-diska tar-rikorrenti.*

*33. Il-Liġi għandha tkun l-istess għal kulħadd, u kulħadd għandu jassikura illi jobdiha. La darba, kif stqarr ir-rikorrent fl-atti tal-kawża quddiem il-Qorti Riferenti, huwa jimporta regolarment fi kwantatijiet kbar, inbejjed ġewwa Malta, huwa kien ċertament ben konxju tar-regolamenti illi jikkonċernaw l-importazzjoni u bejgħ tal-inbid, u għalhekk kien ukoll ben konxju tal-konsegwenzi f'każ illi huwa jonqos milli jottempera ruħu magħhom.*

*34. Ma hijiex u qatt ma għandha tkun skużanti għar-rikorrent illi jgħid illi piena hija aktar ħarxa minn oħra – la darba huwa kiser ir-regolament - jekk kisirha, fatt illi għad irid jiġi stabbilit mill-Qorti riferenti – huwa għandu joqgħod għal konsegwenzi ta' dak illi għamel.*

*35. Il-fatt illi ma waħħalx il-faxxa ma jfissirx illi dan sar bi żball ġenwin, peress illi l-faxxa hija indikazzjoni tat-taxxa mħallsa fuq inbid mill-ħafna illi huwa jistqarr illi jimporta, iżda ma hijiex neċessarjament indikazzjoni illi ħallas it-taxxa fuq l-inbid illi nqabdu bla faxxa – din hija kwistjoni illi għandha tistħarreġ il-Qorti Riferenti, li ma għandhiex toqgħod tara jekk liġi hijiex drakonjana jew le, iżda għandha tillimita ruħha illi tapplika l-Liġi kif inhi, u daqshekk".*

**<u>L-Appell</u>**

6. Permezz tal-appell in disamina r-rikorrenti jilmentaw illi:

i. L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li huma bbażaw ir-referenza kostituzzjonali tagħhom fuq artikoli li daħlu fis-seħħ wara li nħarġet in-nota tal-konfiska; u li

ii. L-Ewwel Qorti injorat għalkollox il-pern tal-kwistjoni, *ossia* n-nuqqas ta' proporzjonalità fil-liġi bejn dawk li jevadu t-taxxa dovuta u dawk li ħallsu t-taxxa dovuta u naqsu milli jwaħħlu l-faxex.

7. Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex:

> *"filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qieset li l-iżball tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward tal-artikoli mniżżla fid-digriet li permezz tiegħu laqgħat it-talba sabiex issir ir-Riferenza Kostituzzjonali kien żball tal-pinna, tħassar u tirrevoka l-bqija tas-sentenza tat-3 ta' Mejju 2023 għar-raġunijiet esposti f'dan ir-rikors u minflok tilqa' r-Riferenza Kostituzzjonali msemmija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati".*

8. Il-Kummissarju tat-Taxxi, id-Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Avukat tal-Istat wieġbu illi dak deċiż mill-Ewwel Qorti m'għandux jiġi disturbat leġġerment u li f'dan il-każ m'hemmx l-estremi sabiex din il-Qorti tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

9. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu r-rikorrent jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li huma bbażaw ir-referenza kostituzzjonali tagħhom fuq artikoli li daħlu fis-seħħ wara li nħarġet in-nota tal-konfiska. Jgħid li fit-talba għal referenza kostituzzjonali saret referenza għall-partiti 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382, li kienu applikabbli meta nħarġet in-nota ta' qbid. Sussegwentmenet il-partita 12 ġiet emendata billi, permezz tal-Att VIII tal-2020, tal-Att XVIII tal-2021 u tal-Att VIII tal-2022, żdiedu s-sub-partiti (4) sa (7) iżda l-ewwel tlett sub-partiti baqgħu l-istess. Il-partita 13, li hija l-fulkru tal-kwistjoni, ma ġietx emendata u għadha sal-lum tipprovdi li kull kwantità ta' nbid li tinstab fil-pussess ta' persuna bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' regolamenti

11 jew 12 għandha, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra prevista bl-Att jew b'liġi oħra tiġi konfiskata favur il-Gvern. Jilmenta li n-nuqqas ta' distinzjoni bejn min ma ħallasx it-taxxa u s-Sisa dovuta u min ħallasha, iżda ma waħħalx il-faxex fuq il-fliexken tal-inbid huwa sproporzjonat u leżiv. Dan ukoll fid-dawl tal-Artikolu 60(k) tal-Kap. 37, li ġie *inter alia* kkwotat fin-nota ta' qbid, u jipprovdi illi jekk ikun hemm evażjoni "intenzjonata" jew tentattiv ta' "evażjoni frawdolenti" ta' xi dazji tad-dwana jew ta' xi liġi, il-konsegwenza tkun il-konfiska. Jgħid li għalhekk, l-ilment sollevat ma kellux jiġi miċħud fuq dan il-binarju.

10. L-intimati jiċħdu li l-Ewwel Qorti qieset li r-referenza kostituzzjonali kienet ibbażata fuq artikoli tal-liġi li daħlu fis-seħħ wara li nħarġet in-nota tal-konfiska u jsostnu li fl-aħħar mill-aħħar, fil-paragrafi 29 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-ewwel grad xorta indirizzat jekk ir-regolamenti taħt eżami jikkozzawx mal-garanziji mogħtija mill-Ewwel Qorti. Wieġbu wkoll li kull referenza għall-Artikolu 60(k) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta hija kwistjoni ta' dritt sollevata *ex novo* fi stadju ta' appell.

11. F'paragrafu 28 tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> *"28. La darba huwa ben stabbilit illi kwalsiasi aġir allegatament illegali jrid jiġi eżaminat fl-ottika tar-regolament eżistenti dakinhar illi jseħħ l-aġir allegatament illegali, dak ifisser illi r-referenza kif mitluba orġinalment mir-rikorrenti u sussegwentement akkordata mill-Ewwel Qorti, ma għandha ebda bażi legali, stante illi hija msejsa fuq leġislazzjoni u konsiderazzjonijet riżultanti minn Regolamenti introdotti wara illi seħħ l-akkadut, u mhux meta attwalment seħħ l-akkadut".*

12. Meta l-oġġetti inkwistjoni ġew maqbuda (nota ta' qbid 252/2019 datata 29 ta' Awwissu 2019), ir-Regolamenti 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 kienu jipprovdu kif ġej:

> *"12. (1) Ma għandu jiġi rilaxxat mid-Dwana jew minn maħżen tas-sisa ebda inbid kemm-il darba l-kontenitur li minnufih ġewwa fih jingħalaq l-inbid ma tkunx imwaħħla fuqu faxxa jew bolla tas-sisa. Din il-faxxa jew bolla tas-sisa għandha tkun dik il-waħda korretta skont kif indikat mill-Kummissarju, u għandha tkun imwaħħla bil-mod korrett kif indikat mill-Kummissarju.*
>
> *(2) Dawk il-faxex jew bolli tas-sisa għandhom ikunu ta' għamla approvata mill-Kummissarju u għandhom jiġu fornuti fid-Dwana jew f'kull imkien ieħor li jiġi stabbilit mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta.*
>
> *(3) Dawk il-faxex jew bolli tas-sisa jinħarġu mill-Kummissarju bi ħlas għalihom, kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt l-Att, fuq talba mill-kustodju tal-maħżen awtorizzat jew negozjant tal-inbid.*
>
> *(4) Il-faxxa jew bolla għandha titwaħħal mal-kontenitur sa mhux iktar tard minn ħamest ijiem minn meta tinxtara.*
>
> *13. Kull kwantità ta' inbid li tinstab fil-pussess ta' persuna bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' regolamenti 11 jew 12 għandha, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra prevista bl-Att jew b'liġi oħra tiġi konfiskata favur il-Gvern".*

13. Ir-referenza kif oriġinarjament mitluba mir-rikorrenti[9] tirreferi għall-artikoli tal-liġi li a bażi tagħhom ħarġet in-nota ta' qbid, u t-talba li finalment saret lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tgħid hekk:

> *"a tenur tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta tibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi determinat jekk ir-Regolament 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tmurx kontra d-dispożizzjonijiet tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema Konvenzjoni ġiet ratifikata u saret parti integrali tal-liġijiet domestiċi bis-saħħa tal-Kap. 319, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni".*

---

[9] Fol. 55 *et seq*.

14. Mhux il-każ allura li t-talba għal referenza saret fuq leġislazzjoni u konsiderazzjonijet riżultanti minn regolamenti introdotti wara illi seħħ l-akkadut, kif ingħad fil-paragrafu 28 tas-sentenza appellata. Dik it-talba kienet tirreferi, b'mod ġeneriku, għar-Regolamenti 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382.

15. Kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illi fid-digriet tal-25 ta' Ottubru 2021, irreferit għar-regolamenti 12(6)(a) u 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 (u bi żball iċċitat iżda dak li jipprovdu l-partiti 12(6)(a) u 12(8)(a) tat-Taqsima B tal-istess skeda[10]) u talbet lill-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha sabiex:

> *"ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta tirreferi l-kwistjoni mqanqla mir-rikorrenti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex din tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-leġislatur jimponi b'mod tassattiv l-konfiska tax-xorb alkoħoliku:*
>
> > *- taħt l-Art. 12(6)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta meta fuq tali xorb ma' jkunx twaħħal faxxa jew bolla tas-Sisa fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta jinxtara, u*
> >
> > *- taħt l-Art. 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta meta persuna jinstab li jkollu fil-pussess tiegħu faxex jew bolli tas-Sisa mhux imwaħħlin wara li jkunu għaddew ħamest (5) ijiem minn meta xtrahom*
> >
> > *mingħajr distinzjoni bejn min ikun evada jew prova jevadi l-ħlas tat-taxxa dovuta u min ikun effettivament ħallas it-taxxa dovuta, huwiex leżiv tad-dritt fundamentali ta' tgawdija tal-proprjetà taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali".*

[10] Fol. 78.

16. Artikolu 12(6)(a) u 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 ma kinux fis-seħħ meta nħarġet in-nota ta' qbid. Dak li kien rilevanti kien regolament 13 li kien u għadu jipprovdi għall-konfiska tal-oġġetti. Regolament li jagħmilha ċara li fejn hemm ksur tar-regolament 12, l-inbid għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern. Fil-fatt fin-nota ta' qbid fejn hemm it-tagħrif għaliex sar il-qbid hemm referenza għar-regolament 13 tal-Iskeda F tal-Att. Regolament 12 ma jissemmiex.

17. Dwar dan l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi:

> *"17. Jidher ċar illi dana kien bi żvista ġenwina ta' l-Ewwel Qorti, u dana peress illi kemm l-Artikolu 12 tat-Taqsima F li dwarha kien qed isir l-ilment u l-Artikolu 12 tat-Taqsima B li għamlet referenza għalih il-Qorti, it-tnejn iqisu l-istess kwistjoni, ossija l-użu o meno tal-faxxa jew bolla li għandha titwaħħal mal-fliexken, u dwar il-pieni f'każ ta' nuqqas.*
>
> *18. Din il-Qorti tirrileva illi, filwaqt illi huwa minnu illi l-Ewwel Qorti naqset milli tkun ċara f'dak li talbet, dina il-Qorti tqis illi joħroġ ċar, mill-assjem tad-digriet, illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-effetti tal-Qbid magħmula a tenur tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382.*
>
> *19. Għalhekk, ma hijiex ser tqis ir-rikjesta ta' l-Avukat tal-Istat sabiex dina l-Qorti ma tqisx tali referenza fuq żball ta' pinna".*

18. L-Ewwel Qorti għandha żball li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) *"16…. Fir-referenza finali tagħha, erronjament irreferiet għall-regolamenti stabbilit fit-Taqsima B tas-Sitt Skeda"*. Fid-domanda li għamlet fid-digriet tal-25 ta' Ottubru 2021, ir-referenza hi għar-regolamenti tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda u mhux Taqsima B.

19. Fit-talba tar-rikors li bih ir-rikorrenti talbu r-referenza (30 ta' Marzu 2021), talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex *"jiġi determinat jekk ir-Regolament 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382"* kinux jiksru l-jedd fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà. Dan meta l-ilment tagħhom kien biss relatat mal-konfiska tal-inbid favur il-Gvern, u li hu kontemplat f'regolament 13. Jekk kif qegħdin igħidu li l-fulkru tal-kwistjoni kien regolament 13, mela fit-talba ma kellhomx jinkludu regolament 12.

20. Hu minnu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet li r-rikorrenti bbażaw l-ilment fuq kif ġiet emendata l-liġi wara li kienet diġà ħarġet in-nota ta' qbid. Regolament 13 li jissemma fir-rikors kien diġà parti mit-Taqsima F meta nħarġet in-nota ta' qbid. L-iżball li sar mir-rikorrenti hu li fit-talba tagħhom fir-rikors tat-30 ta' Marzu 2021 inkludew regolament 12, meta huma kienu qegħdin jilmentaw biss mill-konfiska tal-inbid.

21. Madankollu, il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti f'paragrafi 20 sa 28 tad-deċiżjoni ma kienu ta' ebda konsegwenza għar-rikorrenti, ġaladarba l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-ilment fil-mertu. Tant hu hekk li wieġbet għad-domanda billi ddeċidiet li l-kwistjoni li qajmu r-rikorrenti *"…. ma hijiex waħda leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kif minnhom soffermat"*.

22. Fiċ-ċirkostanzi ma tqisx iktar l-ewwel aggravju tar-rikorrenti.

23. <u>Fit-tieni aggravju</u> r-rikorrenti jilmentaw li l-Ewwel Qorti injorat l-ilment li fil-liġi hemm nuqqas ta' proporzjonalità bejn dawk li jevadu t-taxxa dovuta u dawk li ħallsu t-taxxa dovuta u naqsu milli jwaħħlu l-faxex fuq il-fliexken. Tant hu hekk li qalu li t-terminu "proporzjonalità" jew xi kelma li għandha l-istess tifsira lanqas biss intużat darba. Jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset milli tidħol f'din il-kwistjoni u minflok qieset ir-referenza minn ottika ta' kontestazzjoni ordinarja.

24. Hu minnu li f'paragrafi 29 sa 35 tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti għamlet biss konsiderazzjonijiet ġeneriċi u mkien ma indirizzat dak li huwa l-mertu tal-lanjanza mill-ottika ta' drittijiet fundamentali.

25. L-argument tar-rikorrenti huwa illi, meta wieħed jaqra l-Artikolu 60(k) tal-Kap. 37 u regolamenti 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382, jinduna li l-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn wieħed ipprova jevadi l-ħlas dovut lill-erarju pubbliku u każijiet oħra fejn dak li kien dovut tħallas *"u wieħed ma weħħilx sticker mal-flixkun tal-inbid".* Qalu li tant m'hemmx distinzjoni, li r-regolament 13 jipprovdi li l-konfiska hija saħansitra *"mingħajr preġudizzju għal pieni oħra"* u dan irrispettivament mill-fatt tħallsitx taxxa jew le. Jinsistu li fil-każ in eżami kemm is-Sisa u kif ukoll il-VAT ġew imħallsa, kif konfermat mir-rappreżentanti tad-Direttur appellat, filwaqt li l-valur tal-konfiska huwa

2413-il darba ogħla mill-valur tas-Sisa. F'dan il-kuntest jirreferu għall-paragrafu 35 tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet illi kwistjoni jekk ġietx imħallsa t-taxxa fuq l-inbid konfiskat għad trid tiġi mistħarrġa mill-Qorti '*ordinarja'* u jinsistu li dan mhuwiex il-każ għaliex mill-provi diġà jirriżulta illi t-taxxa fuq l-inbid konfiskat kienet imħallsa. Saret referenza għas-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah</u>** (Ref. Kost 88/2009/1) deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2020 dwar konfiska ta' flus li kienet teċċedi s-somma ta' €10,000 li kien qed iġorr l-imputat bi ksur tal-L.S. 233.07 u jsostnu li din is-sentenza kellha tintuża mill-Ewwel Qorti bħala linja gwida.

26. L-appellati wieġbu illi r-riperkussjonijiet tar-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 mhumiex intrinsikament u unikament intiżi bħala riperkussjoni għal min ikun evada jew ittenta jevadi d-dazju tat-taxxa. Jgħidu li tant hu hekk illi f'każ ta' evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni ta' dazju, japplikaw sanzjonijiet oħra b'mod separat u distint, kif saħansitra rikonoxxut mill-Qorti riferenti. Jinsistu għalhekk li ma kien hemm l-ebda ħtieġa għal referenza kostituzzjonali. Qalu wkoll li l-appellanti kienu żbaljati meta semmew l-Artikolu 60(k) tal-Kap. 37 li, oltre li hija kwistjoni ġdida, huwa artikolu indipendenti mir-regolament 13. Iżidu li ma ttieħdu l-ebda proċeduri penali fil-konfront tal-appellanti, liema proċedura kien ikollhom jaffaċċjaw kieku ġie evaż xi dazju, u li għalkemm huwa minnu li jidher li fuq il-fliexken maqbuda d-dazju kien tħallas, it-

tikketti / faxex / bolol jingħataw biex jitwaħħlu mhux għall-gost. Dan aktar u aktar għaliex l-istess tikketti / faxex / bolol setgħu allura jitwaħħlu fuq fliexken oħra li t-taxxa fuqhom ma kinitx kawtelata. Wieġbu mbagħad illi, bis-saħħa tal-Artikolu 37(2)(b) u (ċ) tal-Kostituzzjoni, il-liġi mpunjata ma tintlaqatx mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, filwaqt li sa fejn huwa kkonċernat l-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa u li jistgħu jimmaterjalizzaw fi qbid ta' proprjetà fl-interess ġenerali u li f'dan il-każ il-liġi żżomm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tan-negozjanti, l-Istat u l-poplu in ġenerali.

27. L-Artikolu 37(2)(b) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi sa fejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali. Għalhekk, kif tajjeb jgħid l-Avukat tal-Istat, ir-Regolamenti mpunjati ma jintlaqtux mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

28. Japplika f'kull każ l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, f'sentenza tal-11 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **<u>Zaghini v. San Marino</u>**, li kienet dwar konfiska ta' somma flus li l-

applikant ma setax jieħu lura minħabba proċeduri kriminali kontra terzi, il-QEDB tenniet illi:

> *"57. The Court must establish whether the measure was lawful and "in accordance with the general interest", and whether there existed a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see Džinić v. Croatia, no. 38359/13, §§ 61 and 62, 17 May 2016, and Gogitidze and Others v. Georgia, no. 36862/05, §§ 96 and 97, 12 May 2015). The character of the interference, the aim pursued, the nature of the property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to an assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicant (see Karahasanoğlu v. Turkey, nos. 21392/08 and 2 others, § 149, 16 March 2021, and Ferhatović v. Slovenia, no. 64725/19, § 43, 7 July 2022). Furthermore, the Court has, on many occasions, noted that although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, domestic proceedings must afford the aggrieved individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the responsible authorities for the purpose of effectively challenging measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302, and Denisova and Moiseyeva v. Russia, no. 16903/03, § 50, 1 April 2010). In ascertaining whether this condition has been satisfied, a comprehensive view must be taken of the applicable procedures (ibid., and Rummi v. Estonia, no. 63362/09, § 104, 15 January 2015)".*

29. Ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-liġi mpunjata fuq nuqqas ta' *lawfulness.* Lanqas ma jgħidu li ma saritx fl-interess ġenerali. Il-kontestazzjoni tagħhom hija limitata iżda għall-kwistjoni ta' proporzjonalità *o meno* tal-konfiska u l-għan li tipprova tilħaq.

30. F'dan il-kuntest, fis-sentenza **<u>Gyrlyan v. Russia</u>** (numru 35943/15) tad-9 ta' Ottubru, 2018, il-QEDB qalet illi:

> *"21. The Court reiterates its consistent approach that a confiscation measure, even though it involves a deprivation of possessions, falls*

*within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see Ismayilov, § 30, and Paulet, § 64,both cited above, and Grifhorst v. France, no. 28336/02, §§ 85-86, 26 February 2009)".*

31. Ukoll fil-paragrafu 49 tas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **Yasar v. Romania** (numru 64863/13) tas-26 ta' Novembru, 2019, li kienet titratta dwar konfiska ta' bastiment, il-QEDB qalet:

*"60. As regards the striking of a fair balance between the means employed by the domestic authorities for the purpose of preventing criminal activities relating to illegal fishing in the Black Sea and the protection of the applicant's property rights, the Court reiterates that such a balance depends on many factors, and the behaviour of the owner of the property is one element of the entirety of circumstances which should be taken into account (see AGOSI, cited above, § 54).*

*The Court must consider whether the applicable procedures in the present case were such as to enable reasonable account to be taken of the degree of fault or care attributable to the applicant or, at least, of the relationship between his conduct and the breach of the law which occurred; and also whether the procedures in question afforded him a reasonable opportunity to put his case to the relevant authorities (ibid., § 55). In ascertaining whether these conditions were satisfied, a comprehensive view must be taken of the applicable procedures (see B.K.M. Lojistik Tasimacilik Ticaret Limited Sirketi, cited above, 43)".*

32. Hekk ukoll fil-każ **Sadocha v. Ukraine** (77508/11) tal-11 ta' Lulju, 2019, il-QEDB ikkonkludiet li m'hemmx proporzjonalità għaliex Sadocha ma setax jevita l-konfiska tal-flus billi jagħti prova dwar il-provenjenza leġittima tal-flus. Il-Qorti kkonkludiet li ma kinitx sodisfatta li l-Gvern kien ta prova sodisfaċenti li sanzjoni inqas iebsa minn dik tal-konfiska tal-flus,

bħal pereżempju multa, ma kinitx suffiċjenti biex isservi bħala deterrent u effett punittiv.

33. Fil-każ tal-lum ir-rappreżentant tal-intimat Direttur xehed illi l-*entries* fir-rigward tal-fliexken tal-inbid maqbuda kienu saru u għalhekk x'aktarx it-taxxa tas-Sisa u t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud fuq il-fliexken tal-inbid kienu tħallsu[11]. Fatt sussegwentement ikkonfermat mill-intimati nfushom hekk billi fit-tweġiba tagħhom għar-referenza (ara l-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu tal-paragrafu 12)[12], qalu illi f'dan il-każ ma kienx hemm proċeduri penali proprju għaliex id-dazju u t-taxxa tħallsu. Fl-istess sens ukoll it-tweġiba tal-appell fejn f'paragrafu 41[13] isostnu li kieku kien hemm evażjoni ta' taxxa jew dazju, oltre l-qbid tal-fliexken, ir-rikorrenti kienu jkunu soġġetti għall-pieni msemmija fl-Artikolu 16 tal-Kap. 382 u l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda f'dan il-każ l-ebda proċeduri kriminali ma ttieħdu kontrihom. F'paragrafu 42 qalu wkoll illi '*huwa minnu li jidher li fuq il-fliexken maqbuda id-dazju jidher li kien tħallas. Madanakollu, it-tikketti tas-Sisa jingħataw sabiex jitwaħħlu, u mhux għall-gost.'* Għalhekk m'hemmx kontestazzjoni li tħallas dak li kien dovut skont il-liġi.

[11] Fol. 42.
[12] Fol. 9.
[13] Fol. 80.

34. Irid allura jitqies jekk il-konfiska mposta bil-liġi, unikament għall-fatt li l-fliexken maqbuda ma kellhomx imwaħħla fuqhom faxxa jew bolla tas-sisa li tikkonferma li l-ħlas fiskali kien sar, hijiex proporzjonata *o meno.*

35. L-argument prinċipali tal-intimati huwa li n-nuqqas ta' twaħħil ta' faxxa jew bolla jista' jagħti lok għall-abbuż u li mhux minnu li l-liġi tpoġġi fl-istess keffa lil min ikun evada t-taxxa u min ikun ħallasha iżda m'ottemporax ruħu mar-regolamenti 11 u 12 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382, għaliex f'każ ta' evażjoni fiskali l-intimat Direttur jipproċedi wkoll kriminalment u, apparti l-qbid, il-persuna tkun soġġetta għall-pieni ħorox skont l-Artikolu 16 tal-Kap. 382 u l-Artikolu 62 tal-Kap. 37.

36. Il-Qorti tapprezza li n-nuqqas ta' twaħħil ta' faxxa / bolla tas-sisa jista' jagħti lok għall-abbuż. Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrenti mhux qed jikkontestaw il-konfiska tal-faxex / bolol li nstabu mhux imwaħħla, apparti li m'hemmx kontestazzjoni li tħallas dak dovut lill-erarju pubbliku. Dak li qed jikkontestaw huwa l-konfiska awtomatika u tassattiva tal-inbid li ma kellux tikketti / faxex / bolol tas-sisa mwaħħla fuqu minkejja li t-taxxa dovuta kienet tħallset. Dan marbut ukoll mal-fatt li meta talbu biex jieħdu l-inbid lura l-intimati talbuhom iħallsu 90% tal-valur u multa ta' €300.

37. Dwar dan, fil-paragrafu 12 tat-tweġiba tagħhom għar-referenza[14] l-intimati wieġbu hekk:

> *"12. ... ir-rikorrenti huma skorretti meta jilmentaw li sabiex jieħdu lura l-oġġetti maqbuda huma setgħu jagħmlu dan biss jekk iħallsu 90% tal-valur tal-fliexken tal-inbid flimkien ma' EUR300 bħala out of court settlement. Fid-digriet tagħha, l-Qorti referenti jidher li straħet ukoll fuq din id-dikjarazzjoni billi semmietha bħala waħda mill-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq.*
>
> *Illi dwar dan, ai termini tal-artikolu 72(4) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 29(2) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, minkejja li jkun hemm proċeduri pendenti in kwantu kontestazzjoni tal-qbid tal-oġġetti, l-istess oġġetti maqbuda jistgħu jingħataw lura wara li r-rikorrenti jħallsu "dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu xieraq, li tkun somma li ma tkunx iżjed mill-ammont li fl-opinjoni tal-Kummissarju jirrapreżenta l-valur tal-oġġett". Hawnhekk ma tissemma l-ebda piena bħala out of court settlement. Dik il-proċedura tal-ħlas bħala out of court settlement tintuża minflok proċeduri penali meta għandek evażjoni ta' dazju jew taxxa, f'liema każ hawnhekk ma kien hemm l-ebda proċedura penali ġjaladarba d-dazju u t-taxxa kienu tħallsu".*

38. Fiż-żmien inkwistjoni l-artikoli surriferiti kienu jipprovdu hekk:

> *"74. (4) Meta qbid magħmul skont dan l-artikolu jiġi kontestat skont is-subartikolu (2) tiegħu, il-Kummissarju jista', f'kull żmien, jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq u minkejja li jkunu għadhom għaddejjin l-proċedimenti li fihom ikun qed jiġi kontestat, jikkunsinna kull oġġett maqbud lil kull min jagħmel talba b'jedd li hekk kif dan iħallas lill-Kummissarju dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu li tkun adegwata u li ma tkunx taqbeż dik li, fil-fehma tal-Kummissarju, tkun tirrappreżenta l-valur tal-oġġett, magħdud kull dazju, imposta jew taxxa li jridu jitħallsu fuqu u li ma jkunux tħallsu jew hekk kif dan jagħti lill-Kummissarju dik il-garanzija aċċettabbli għall-istess Kummissarju għall-ħlas ta' dik is-somma. Dik is-somma jew garanzija, skont il-każ, għandha tinżamm biex tagħmel tajjeb għal kull pretensjoni li jista' jintalab dwarha skont il-liġi u għall-fini ta' kull proċedimenti meħuda taħt din l-Ordinanza dwar l-oġġetti maqbuda, għandha tirrippreżenta u tissostitwixxi l-oġġetti maqbuda msemmija."*
>
> *"29. (1) Il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, u jekk hekk ordnat bil-miktub mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għandu, jrodd lura kull oġġett maqbud taħt l-Att.*

[14] Fol. 9.

*(2) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), meta jkun debitament ingħata avviż dwar rikors rigward oġġett maqbud skont l-artikolu 28, il-Kummissarju jista' kif jidhirlu xieraq u minkejja li jkunu għadhom għaddejja l-proċedimenti li fihom qed jiġi kontestat dak il-qbid –*

*(a) jikkonsenja l-oġġett lir-rikorrent wara li titħallas lill-Kummissarju dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu xieraq, li tkun somma li ma tkunx iżjed mill-ammont li fl-opinjoni tal-Kummissarju jirrappreżenta l-valur tal-oġġett, inkluż kull dazju jew taxxa li jitħallsu fuq dak l-oġġett u li ma jkunux għadhom tħallsu, jew*

*(b) jekk l-oġġett maqbud hu, fl-opinjoni tal-Kummissarju, tax-xorta ta' oġġetti li jitħassru, ibigħ jew jeqred dak l-oġġett".*

39. Kwindi, irrispettivament mill-fatt jekk qatt kienx hemm taxxa perikolata*,* il-liġi timponi l-konfiska tassattiva bil-fakoltà li l-Kummissarju jikkonsenja lura l-oġġett maqbud soġġett għall-ħlas ta' somma li ma tkunx iżjed mill-valur tal-oġġett, liema somma tiġi stabbilita mill-Kummissarju nnifsu, fid-diskrezzjoni unika u arbitrarja tiegħu.

40. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-mekkaniżmu mhux wieħed li jirrispetta t-test tal-proporzjonalità kif imfissra fid-deċiżjonijiet tal-QEDB, b'mod partikolari f'dan il-każ fejn, minkejja li l-intimati huma sodisfatti li qatt ma kien hemm taxxa perikolata, ir-rikorrenti qegħdin jiġu ssoġġettati għall-konfiska tassattiva, u allura għat-telf ta' oġġetti bil-valur ta' €1,809.99, suġġett għall-possibilità li, a diskrezzjoni unika tal-intimati, jirriprendu l-oġġetti lura versu l-ħlas ta' 90% ta' dik il-figura.

41. B'hekk allura, il-konfiska prevista fir-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 qed isservi bħala mekkaniżmu sabiex, a

diskrezzjoni unika tagħhom, l-intimati jistabbilixxu '*multa'* aħħarija, sal-massimu tal-valur tal-oġġetti maqbuda, li skonthom għandhom jiġu ssoġġettati r-rikorrenti għall-fatt li l-fliexken maqbuda ma kellhomx faxex jew bolol tas-sisa mwaħħla, u f'tali kuntest lanqas biss spjegaw kif waslu għall-figura ta' 90% tal-valur meta f'każijiet oħra oġġetti maqbuda ġew ikkunsinnati lura għall-perċentwali ferm anqas[15].

42. Il-qorti hi tal-fehma li meta tikkunsidra li l-għan wara dik il-miżura hu li min jabbuża jwieġeb għal għemilu, il-konfiska tal-inbid meta dak dovut lill-erarju pubbliku tħallas minn qabel, hu sproporzjonat. F'dan il-każ in-nuqqas tar-rikorrenti kien biss li ma waħħalx il-faxxa jew bolla tas-sisa fit-terminu kontemplat mil-liġi. Iktar u iktar meta tikkunsidra li l-awtoritajiet kienu disposti li jagħtu lura l-inbid lis-sid billi jħallas mhux inqas minn 90% tal-prezz tal-oġġett.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' l-appell interpost mir-rikorrenti u filwaqt li tħassar is-sentenza appellata, twieġeb lill-Qorti riferenti illi fil-każ tar-rikorrenti r-regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar id-

[15] Hekk pereżempju fil-każ fl-ismijiet **<u>Maxime Charles Veillet La Vallee noe v. Direttur Ġenerali (Dwana) et</u>**, il-Kummissarju tat-Taxxi biegħ lill-attur *nomine* l-fliexken tax-xorb u tal-inbid, li kienu ġew ikkonfiskati lilu, għall-prezz ta' 50% tal-valur.

Dazju tas-Sisa (Kap. 382), huwa leżiv tad-dritt tagħhom protett bl-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni.

Tordna lir-Reġistratur sabiex idaħħal kopja awtentikata ta' din is-sentenza fil-proċess tal-każ **Andre Grech et v. Kummissarju tat-Taxxi et** (279/2019VGA), kif ukoll jibgħat kopja lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-Art. 242 tal-Kap. 12.

Spejjeż taż-żewġ stadji għall-intimati u għall-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm